MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 374/2011

AB

vs

Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u il-Prokuratur Legali Melissa Anastasi b'digriet tal-21 ta' Marzu 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati biex japprezentaw lill-assenti CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lil CD fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (03/01/2005);

Illi l-esponenti isseparat legalment minn ma zewgha permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet 'AB f'isimha proprju u

ghan-nom u fl-interess tal-minuri binha Zinedine Elswaiah li tieghu hija kuratrici ad litem bis-sahha ta' digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2006 vs l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratrici Louisa Tifigno nominati b'digriet tas-27 ta' Gunju 2006 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti CD bin-numru 189/06 NC datata 31 ta' Ottubru, 2007 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A');

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom iben minuri wiehed li twieled fil-11 ta' Lulju 2005;

Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijet tant li gia hemm separazzjoni legali bejn il-partijet liema separazzjoni legali iggib id-data tal-31 ta' Ottubru 2007 u cioe' ghal erba' snin kif rikjest mill-ligi minghajr qatt ma saret l-ebda rikonciljazzjoni;

Illi dwar manteniment ma hemm xejn dovut stante li l-intimat telaq minn Malta u ghalhekk l-ebda manteniment ma hu dovut ghal ibnu l-minuri stante li l-intimat ma hux Malta u mhux maghruf fejn huwa jinsab;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi il-kuraturi deputati debitament notifikati ma pprezentawx risposta u qatt ma dehru ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-intimat ma ghandux ihallasha manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------